MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 310/2008

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn permezz tieghu l-attrici ppremettiet illi:

Il-kontendenti kienu zzewgu fir-Registru Pubbliku ta` Malta nhar il-15 ta` Jannar, 2001 [Ara Dok. A hawn anness].

L-istess zwieg huwa null u bla effett stante illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b`difett serju ta` diskrezzjoni ta` gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

In oltre il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta` xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ghalhekk iz-zwieg ta` bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg ta` bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-intimat, ghalkemm debitament notifikat baqa` ma pprezenta l-ebda twegiba.

Rat iz-zewg affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-fatti f`din il-kawza jistghu jigu kkonstatati biss mill-affidavit tal-istess rikorrenti li fi kliemha:

“Nikkonferma bil-gurament tieghi illi jiena lill-konvenut C D ma kontx nafu sa ezatt qabel ma’ jiena u huwa konna izzewwigna fir-Registru Pubbliku.

Nispjega illi fil-fatt lil dan kien laqqani mieghu certu wiehed sirjan jismu Hassan li kien offrili somma flus sabiex jiena nizzewweg lil D.

Peress illi jiena dak iz-zmien kont mahkuma sew bil-vizzju tad-droga niftakar illi kont accettajt ghaliex ridt il-flus. Fil-fatt is-somma li kont innatajt kienet ta’ madwar elfejn Lira Maltin.

Nikkonferma illi mid-data taz-zwieg il-quddiem u qabel dik id-data, jiena u l-konvenut D qatt ma ghixna taht l-istess saqaf u qatt ma rqadna flimkien. Nippreciza anzi illi

effettivament jiena anqas qatt ma kont naf fejn kien joqghod dan D.

Nikkonferma ukoll illi jien qatt ma kelli l-icken kuntatt jew forma ta' relazzjoni sesswali ma' dan D u ghalhekk nista' nghid b'certezza assoluta illi l-wild li kelli ma huwiex il-wild naturali ta' D.

Inzid nghid ukoll illi wara kont izzewwigt lill-konvenut D jiena kont iltqajt ma' Sandro Psaila li kien taghni ghajnuna kbira biex neghleb il-vizzju tad-droga. Wara li kont hlist mill-vittma tad-droga jiena kont bdejt relazzjoni mal-attur Sandro Psaila, liema relazzjoni ghadha ghadejja sa llum il-gurnata u wara ftit konna anki dhalna nghixu flimkien. Kien minn din ir-relazzjoni illi twieled il-wild taghna li l-attur Sandro Psaila jixtieq jirrikonoxxi bhala wild naturali tieghu".

Sabiex tikkorrobora l-istorja taghha l-istess rikorrenti pprezentat affidavit maghmul minn certu Sandro Psaila, persuna li r-rikorrenti ghandha relazzjoni intima maghha u li maghha kellha wkoll tarbija.

Dan Psaila jikkonferma illi:

"Nispjega illi jiena ilni involut f'relazzjoni intima ma' A B ghal diversi snin, senjatament ghal erba' snin. Nghid ukoll illi ahna bdejna nikkoabitaw flimkien immedjatament, hekk kif sirna nafu lil xulxin u eventwalment fis-sena 2003 A harget tqila. Minn tali tqala twieled ibni minuri illi jismu Shadon u li llum ghandu tmien xhur.

Waqt ir-relazzjoni taghna, A kienet qaltli illi fil-passat taghha hija kienet izzewget ragel Gharbi. Sussegwentement irrizultali illi dan ir-ragel kien ta' nazzjonalita' Sirjana bl-isem C D, izda kienet qaltli illi hija qatt ma kienet ghexet ma' l-imsemmi C D. Nghid illi naf illi z-zwieg in kwistjoni kien zwieg ta' konvenjenza u naf ukoll illi A qed tipprova tissepara minn ma' dan D u eventwalment tottjeni l-annulament ta' dan iz-zwieg, u dana peress illi jiena u A issa iddecidejna illi nibdew familja flimkien.

Minhabba l-fatt illi meta twieled Shadon, A kienet mizzewga lil C D, ahna kellna bil-fors nirregistraw lil ibni bhala iben l-istess D. Jiena naf zgur illi fil-perjodu illi jiena u A konna involuti fir-relazzjoni taghna, hija ma kellhiex relazzjoni ma' persuni ohra u zgur illi ma kellha ebda kuntatt ma' C D".

Ta` min jinnota li dan l-affidavit sar fi proceduri ohrajn relatati mal-paternita` tal-istess tarbija.

Minn dan il-Qorti tinsab sodisfatta li bejn il-partijiet fil-mument taz-zwieg ma kien hemm ebda intenzjoni li tigi krejata dik il-komunjoni ta' hajja u mhabba li fuqha huwa bbazat kull zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tar-rikorrent u tiddikjara li zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-15 ta` Jannar, 2001 huwa null u bla effett.

Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi kommunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija a karigu tar-Registratur u dan ghal kull investigazzjoni li jidhrilha xierqa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------